GOVERNMENT OF MALTA

FONDI.eu

**PRE-ANNOUNCEMENT OF CALL FOR PROJECT PROPOSALS UNDER**
**Internal Security Fund 2021-2027**

The Ministry responsible for European Funds would like to pre-announce the following call under the Internal Security Fund (ISF):

**Specific Objective 3:** supporting the strengthening of Member States' capabilities in relation to preventing and combating crime, terrorism and radicalisation, as well as managing security-related incidents, risks and crises, including through increased cooperation between public authorities, relevant Union bodies, offices or agencies, civil society and private partners in different Member States.

The proposed call will contribute to the funding priority of '*enhancing the capabilities of law enforcement authorities and other key stakeholders to effectively prevent and tackle hate crime and hate speech, through the delivery of targeted training programmes and the establishment and improvement of mechanisms that facilitate the reporting and identification of victims.'*

The call will be launched on **18th September 2026**, and it will close on **12th February 2027 at noon.**

The application form, details of eligibility and indicator guideline notes will be made available with the launch of the call. Prospective applicants are encouraged to refer to the ISF Programme available on https://fondi.eu/wp-content/uploads/2026/01/ISF-MT-Programme-v.3.0.pdf in order to check whether their proposals are eligible for funding through this call for project proposals.

An information session will also be held on the contents of the application form and respective guidelines. For further information, the Managing Authority can be contacted by e-mail on fondi.eu@gov.mt.

Co-funded by the European Union

GVERN
TA' MALTA

FONDI.eu

**PRE-AVVIŻ TA' SEJĦIET GĦAL PROPOSTI TA' PROĠETTI TAĦT IL- FOND GĦAS-SIGURTÀ INTERNA (FSI) 2021-2027**

Il-Ministeru responsabbli mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea jixtieq javża li ser tiġi mnedija s-sejħa għall-proposti ta' proġetti li jaqgħu taħt l- Fond Għas-Sigurtà Interna (FSI):

**Objettiv Speċifiku 3:** li jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' inċidenti, riskji u kriżijiet relatati mas-sigurtà, inkluż permezz ta' kooperazzjoni akbar bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, is-soċjetà ċivili u s-sħab privati fi Stati Membri differenti.

Is-sejħa proposta se tikkontribwixxi lejn il-prijorità ta' finanzjament relatata mat-'*titjib tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ta' partijiet interessati ewlenin oħra sabiex jipprevjenu u jindirizzaw b'mod aktar effettiv ir-reati u d-diskors ta' mibegħda, permezz tat-twettiq ta' programmi ta' taħriġ immirati u l-istabbiliment jew it-titjib ta' mekkaniżmi li jiffaċilitaw ir-rappurtar u l-identifikazzjoni tal-vittmi*.'

Is-sejħa ser titnieda fit-**18 ta' Settembru 2026** u tagħlaq fit-**12 ta' Frar 2027** f'nofsinhar (12:00).

It-tnedija tas-sejħiet, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni supplimentari ser ikunu disponibbli mat-tnedija tas-sejħa għall-proposti. Applikanti prospettivi huma mħeġġa jirreferu għall-Programm FSI disponnibli fuq https://fondi.eu/wp-content/uploads/2026/01/ISF-MT-Programme-v.3.0.pdf, sabiex jaraw jekk il-proposti tagħhom humiex eliġibbli għal finanzjament taħt din is-sejħa għal proposti ta' proġetti.

Ser tiġi organizzata wkoll sessjoni ta' informazzjoni dwar il-kontenut tal-formola tal-applikazzjoni u l-linji gwida rispettivi. L-Awtorità ta' Ġestjoni tista' tiġi kkuntattjata permezz ta' e-mail fuq fondi.eu@gov.mt.

Ikkofinanzjat
mill-Unjoni Ewropea